# IL-FAMILJA FIL-MIDJA

Jitħaddtu minn "tipi ta' familji" biex qishom jgħidu li l-familja "tradizzjonali" hija biss waħda mit-tipi differenti ta' familji. Mingħajr ma nonqsu mir-rispett lejn ħadd, irridu nirrikonoxxu l-valur kbir ta' familja fejn ikun hemm il-missier, l-omm u t-tfal. Fil-ktieb tal-Ġenesi, insibu li "Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihetu, fuq xbieha t'Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom. U berikhom Alla u qalilhom, "Nisslu u oktru."" L-ebda familja mhi perfetta. Il-midja dejjem ittambar biex timmodifika l-ideat li għandna fuq il-familja, xi darba għall-aħjar u xi darba għall-agħar.



Kemm għandna għax nirringrazzjaw 'l Alla meta jkollna familja li, minkejja n-nuqqasijiet u l-imperfezzjonijiet li jkun hemm fiha, issostnina u nkunu nistgħu nsibuha bħala l-post tal-kenn tagħna fit-tmiem l-għejja u x-xogħol tal-ġurnata. Nagħlaq billi nsemmilkom żewġ affarijiet li kif tafu intom ukoll jagħtu saħħa kbira lill-familji tagħna. L-ewwel nett, il-mumenti ta' pjetà flimkien, jiġifieri dawk il-mumenti li fihom ninġabru f'Alla sewwa fid-dar kif ukoll xħin immorru l-knisja. Dan kollu jgħin biex il-familja tagħna tibqa' magħquda. U t-tieni ħsieb li xtaqt naqsam magħkom huwa dan: fil-familja, iktar milli noqogħdu sewwa aħna, jixraq iktar li naħsbu kontinwament kif aħna nistgħu nkunu don ta' mħabba lill-membri l-oħra tal-familja.

***L-Arċipriet***

Attenti! 25% tal-materjal li jintefa' fil-boroż tar-riċiklaġġ hu magħmul minn materjal li ma jistax jiġi rriċiklat.

**AVVIŻI:**
Matul ix-xahar ta' Ottubru, il-Konfraternità tal-Kavallieri ta' San Pietru u San Pawl, ser tkun qed tpoġġi kaxxa maġenb il-bibien prinċipali tal-knisja u kaxxa oħra fil-Kunsill Lokali. Fihom ser jinġabru preserves, kafè, te, għaġin, żejt u affarijiet li jservu fit-tul sabiex fil-ġranet ta' Diċembru jiġu mqassma lil min hu fil-bżonn. Ġentilment nitolbu lil kulħadd jgħin kif jista' - Grazzi.

**IL-LAQGĦAT FL-NTYC:** bdew matul din il-ġimgħa. Ħeġġu lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ sabiex jingħaqdu mal-grupp addattat għalihom.

| | |
|---|---|
| Form 2: L-Erbgħa fis-6:00pm | Forms 3-5: L-Erbgħa fit-8:00pm |
| 16plus: Il-Ħamis fit-8:00pm | 18plus: It-Tlieta fit-8:00pm (Malta) |

Il-Ġimgħa fit-8:00pm ikun hemm il-*Prayer Group* għall-istudenti minn 15-il sena 'l fuq.

***3 DEPTHS*:** Tliet serati għaż-żgħażagħ Għawdxin f'Malta li fihom ikun hemm laqgħa ta' formazzjoni li tiġi segwita minn mumenti flimkien fejn ikun hemm ukoll ikel provdut. Dawn ser isiru mit-Tnejn 17 sal-Erbgħa 19 ta' Ottubru, fit-8:00pm, ic-Chaplaincy tal-Università.

**IL-KOMUNITÀ EWKARISTIKA:** tistieden lil persuni li jixtiequ japprofondixxu ruħhom fil-Kelma ta' Alla sabiex jingħaqdu magħha kull nhar ta' Tnejn fis-7:00pm fiċ-Ċentru Parrokkjali (ħdejn il-knisja). Għal aktar informazzjoni kellmu lil Fr Mark Bonello.

**RUŻARJU FIL-BERAĦ:** nhar il-Ġimgħa 14 t'Ottubru, fil-playing field tal-Ħali. Jibda fil-5:30pm. Inħeġġu lin-nies tal-lokal biex jieħdu sehem.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA:** bil-kollaborazzjoni ma' Aġenzija Żgħażagħ ser jorganizza l-kunċert tal-aljievi, nhar l-Erbgħa 12 ta' Ottubru fis-7:00pm fis-sala t'isfel tal-Każin. Kulħadd hu mistieden.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am